Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 41/2015

**Josef Borg (appellat)**

**vs**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (appellanti)**

16 ta' Ottubru, 2018.

1. Fil-24 ta' Gunju, 2015, ir-rikorrent ipprezenta rikors fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fejn talab t-thassir u r-revoka tad-decizjoni tal-appellanti tad-29 ta' April, 2015, bl-ispejjez. L-appellat kien gie mgharraf illi l-appellanti kienet behsiebha tirrifjuta l-applikazzjoni tieghu ghal permess ta' xufier ghaliex ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba *ai termini* tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur.

2. L-intimata pprezentat it-twegiba fl-20 ta' Lulju, 2015 u qalet li l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tal-appellat kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. B'sentenza tal-25 ta' Mejju, 2015 t-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrenti. Fis-sentenza ntqal:

> *"Jirrizulta illi l-Awtorita' intimata baghtet pre-avviz lir-rikorrent fid-29 ta' April 2015 fejn uriet l-intenzjoni taghha li tirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent ghall-permess ta' xufier minhabba li ma ssodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ai fini tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur u dan b'mod aktar preciz peress li nghata sentenza datata 23 ta' Frar 2011 ghal reat li ghalih wiehed jista' jehel piena ta' iktar minn tliet xhur prigunerija jew multa ta' iktar minn erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87). Fl-istess pre-avviz l-Awtorita' intimata infurmat lir-rikorrent li kellu dritt li fi zmien ghaxart (10) ijiem jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu bil-miktub ghaliex l-istess applikazzjoni m'ghandhiex tigi rifjutata. Ir-rikorrent ircieva dan il-pre-avviz fl- 4 ta' Mejju 2015.*
>
> *Illi jirrizulta illi permezz ta' ittra datata 21 ta' Mejju 2015 ir-rikorrent baghat ittra lill-Awtorita' intimata liema ittra waslet ghand l-Awtorita' fil- 25 ta' Mejju 2015 fejn filwaqt li oggezzjona ghad-decizjoni tad- 29 ta' April 2015 talab laqgha urgenti mar-rapprezentanti tal-istess Awtorita'. Dan ifisser illi l-ittra intbaghtet oltre l-ghaxart (10) ijiem indikati fl-ittra tal-Awtorita' tad- 29 ta' April 2015. Ir-rikorrent jispjega illi tali dewmien kien dovut peress li, minkejja diversi tentattivi, la hu u lanqas id-difensur tieghu ma rnexxielhom jikkomunikaw ma' Sylvana Bartolo, u cioe' l-ufficjal li ffirmat il-pre-avviz. Sussegwentement irrizulta li l-* e-mails *li kienu qed jintbaghtu mill-konsulent legali tar-rikorrent lil Sylvana Bartolo kienu qed jintbaghtu fuq indirizz elettroniku*

*zbaljat u cioe' silvana.bartolo@transportmalta.com minflok fuq sylvana.bartolo@transportmalta.com .*

*Illi fil-25 ta' Mejju 2015 l-Awtorita' intimata baghtet ittra lid-difensur tar-rikorrent fejn infurmatu li r-rapprezentazzjonijiet bil-miktub riedu jsiru fi zmien ghaxart (10) ijiem u li ghaldaqstant ma setghax iressaq l-ebda rapprezentazzjoni. Gie infurmat ukoll illi f'kaz li ma jaqbilx ma' dik id-decizjoni seta' jressaq appell quddiem dan it-Tribunal.*

*Illi t-Tribunal jirrileva illi din l-ahhar decizjoni tal-Awtorita' intimata ma tikkontjeni l-ebda decizjoni vera u proprja dwar xi rifjut. L-ittra hija pjuttost wahda informattiva milli decizjonali. Di piu, t-Tribunal jirrileva illi ittra kontenenti decizjoni ta' rifjut ghandha tintbaghat direttament lill-applikant u mhux lill-konsulent legali tieghu. Jekk tintbaghat lill-konsulent legali dan jista' jkun pregudizzjali ferm ghall-applikant ghax minhabba ghadd ta' circostanzi jista' jghaddi t-terminu ta' l-appell. In fatti a tenur tal-artikolu 21(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 "Meta l-Awtorita' tkun ser tirrifjuta applikazzjoni, hija ghandha, permezz ta' avviz bil-miktub, tgharraf lill-applikant bir-ragunijiet taghha ghal dan. Kull avviz ta' rifjut ghandu jghid li l-applikant ghandu dritt li, fi zmien ghaxart ijiem, jaghmel rapprezentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorita', fejn jaghti r-ragunijiet ghaliex l-applikazzjoni m'ghandhiex tigi rifjutata u l-Awtorita' ghandha tiehu f'konsiderazzjoni dawn ir-rapprezentazzjonijiet hekk maghmula qabel ma tiehu decizjoni finali. L-Awtorita' ghandha permezz ta' avviz bil-miktub, **tgharraf lill-applikant koncernat bid-decizjoni finali taghha".***

*Illi ghalhekk, it-Tribunal qieghed f'sitwazzjoni li m'ghandux quddiemu decizjoni vera u proprja ta' rifjut tal-Awtorita' intimata izda a skans ta' hela ta' zmien ta' kulhadd se jippronunzja ruhu dwar ir-raguni tar-rifjut li nghata r-rikorrent fil-pre-avviz mibghut lilu fid- 29 ta' April 2015. Illi ghalkemm ir-rikorrent isostni li dan il-pre-avviz ma kienx monit b'ebda motivazzjoni, it-Tribunal ma jaqbilx mieghu in kwantu giet citata l-Legislazzjoni abbazi ta' liema l-Awtorita' uriet l-intenzjoni taghha li tohrog ir-rifjut u wkoll gie infurmat abbazi ta' liema sentenza tal-Qorti ir-rifjut kien ser jigi michud. Illi r-raguni fil-pre-avviz kienet wahda cara u cioe' li ma ssodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni ta' kondotta tajba ai fini tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur (Legislazzjoni Sussidjarja 65.11) billi* "inghatajt sentenza u cioe' fit- 23 ta' Frar 2011 ghax ikkommettejt reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87)".

*Illi t-Tribunal jirrileva illi biex xufier ikun jista' jsuq vettura bil-mutur ghall-kiri, minbarra l-permess ta' xufier ai termini tar-Regolament 17 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, irid ikollu wkoll tikketta, kif aktar komunament maghrufa bhala* tag, *ta' identifikazzjoni ai termini tal-artikolu 130A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11mahruga mill-Awtorita' intimata. Illi skond Regolament 22(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 il-permess ta' xufier u t-tikketta ghandhom jibqghu validi ghal perjodu ta' hames snin mid-data li fiha jinghata l-permess jew tikketta, sakemm ma jkunux revokati jew sospizi.*

*Illi biex applikant jinghata l-imsemmija **tag ta' xufier** irid ikun ta' kondotta tajba. Ai termini tar-Regolament 130A (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11* "Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk … (a) tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87)." *Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jaqbilx mal-aggravju tar-rikorrent illi l-Awtorita' intimata applikat id-disposizzjoni tal-ligi l-hazina.*

*Illi mbaghad ai termini tar-Regolament 18 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, biex applikant jinghata* ***permess ta' xufier*** *irid ukoll jissodisfa r-rekwizit ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Taht dawn l-ahhar Regolamenti, reputazzjoni u kondotta tajba huma hekk kif definiti f'Regolament 9 (1) minbarra l-paragrafu (g) tieghu, u skond ir-Regolament 9(2).*

*...*

*Illi s-sentenza li ssir referenza ghaliha fil-pre-avviz tar-rifjut tal-permess hija dik li nghatat fit- 23 ta' Frar 2011 u li hija esebita bhala Dok. A a fol 5* et sequitur *tal-process. Minn ezami tal-istess sentenza jirrizulta illi r-rikorrent kien gie misjub hati ta' delitti kontra l-fiducja pubblika li wettaq fl- 2008 ghal-liema reati kien hemm piena ta' iktar minn tlett xhur prigunerija. Mill-istess sentenza esebita jirrizulta illi r-rikorrent, ghalkemm misjub hati,* ***gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.***

*Illi dan it-Tribunal, kif presjedut, kellu l-okkazjoni jinvesti l-kwistjoni jekk sanzjoni komunitarja jew liberta' kondizzjonata, tistghax tigi meqjusa bhala dikjarazzjoni ta' htija meta xi Awtorita' governativa tigi biex tevalwa applikazzjoni ghall-ghoti jew tigdid ta' xi licenzja. Bla tlaqliq, dan it-Tribunal jirrileva illi sanzjoni komunitarja jew sentenza ta' liberta' kundizzjonata ma jistghux jitqiesu bhala dikjarazzjoni ta' htija u dan in linea ma' dak li jipprovdi l-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-*Probation). *...*

*Illi jekk wiehed jiehu s-sentenza tat- 23 ta' Frar 2011 fil-perspettiva ta' Regolament 130A (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 din l-istess sentenza ma tisghax isservi biex l-Awtorita' intimata tohodha in konsiderazzjoni ai fini jekk taghtix jew le permess ta' xufier lir-rikorrent u dan in linea mal-artikolu 25 (2) tal-Kapitolu 446 citat fil-paragrafu precedenti u dan ghaliex* ***tali dikjarazzjoni ta' htija ghandha tigi mwarrba ghall-finijiet ta' skwalifika.***

*Illi mbaghad jekk wiehed jiehu s-sentenza tat- 23 ta' Frar 2011 fil-perspettiva tar-Regolament 9(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, apparti li t-terminu "sentenza" m'ghandux jinkludi ordni ghal-liberazzjoni kondizzjonata li tkun giet osservata, ma jirrizultax illi ebda wiehed mill-paragrafi ta' Regolament (9) (1) japplika ghall-kaz odjern. Anke kieku ghas-sahha tal-argument ir-Regolament (9)(1) japplika, skond ir-Regolament (9)(2)(d)(iii) it-terminu "sentenza" m'ghandux jinkludi sentenza ghat-twettiq ta' reat li twettaq qabel id- 19 ta' Mejju 2009.*

*Illi ghalhekk, fil-kaz odjern, is-sentenza moghtija fit- 23 ta' Frar 2011 fil-konfront tar-rikorrent ma tistghax isservi biex l-Awtorita' intimata ccahhad lir-rikorrent mill-permess ta' xufier jew mit-* tag *ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 jew 499.56. L-Awtorita' intimata kienet ukoll zbaljata illi baghtet, jekk tista' tissejjah hekk, id-decizjoni tal- 25 ta' Mejju 2015 lill-konsulent legali tar-rikorrent. Tali decizjoni kellha tigi mibghuta lill-applikant. Di piu' l-istess hekk imsejjha decizjoni kienet ghal kollox mankanti minnkwalunkwe raguni valida ghaliex l-applikazzjoni kienet qieghdha tigi michuda u kwindi hija nulla u bla effett".*

4. Fit-13 ta' Frar 2017, l-appellanti appellat mis-sentenza u talbet li, "*...togghobha thassar, tirrevoka, u tannulla s-sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fit- 23 ta' Jannar 2017 ...".* Il-Qorti fehmet li l-aggravju tal- appellanti hu li t-Tribunal skarta l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 u minflok bbaza d-decizjoni fuq il-Legislazzjoni Sussidjarja 449.56 li minnha

ma kien sar l-ebda appell. Dan filwaqt li l-Awtorita' kienet irrifjutat l-applikazzjoni tal-appellat a tenur tal- L.S. 65.11 wara li qieset li l-appellat instab hati matul l-ahhar hames snin ta' reat li seta' wehel piena ta' 3 xhur prigunerija jew multa ta' mill-inqas €465.87.

5. Fil-5 ta' Marzu, 2018, l-appellat wiegeb u argumenta li l-appell ghandu jkun michud.

6. **Fatti.**

i. B'sentenza tat-23 ta' Frar, 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (fol. 5) kienet sabet lill-appellant, *"hati ta' akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum"*. L-imputazzjoni kienet li, *"F'dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' Gunju 2008 jew fil-jiem ta' qabel, ta ordni lil haddiehor biex jaghmbel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur tad-delit, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tezercita dik l-influwenza"*.

ii. L-appellat applika biex jinghata permess ta' xufier vetturi ghall-garr ta' passiggieri u ta' karozzi tal-linja (DP-A12) [fol. 59] u applikazzjoni ghall-permess ta' xufier ta' vetturi b'sewwieq (massimu 8 +1) u ta' Karozzin (DP-A13) [fol. 61].

iii. B'ittra datata 29 ta' April, 2015 l-appellanti nfurmat lill-appellat li peress li ma kienx issodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, kien behsiebha tirrifjuta l-applikazzjoni tieghu ghall-permess ta' xufier (tag). Infurmatu wkoll li kellu ghaxart (10) ijiem sabiex jaghti l-kummenti tieghu bil-miktub, u jaghti r-ragunijiet ghalfejn l-applikazzjoni ghall-permess ta' xufier m'ghandhiex tigi rifjutata.

iv. B'ittra datata 21 ta' Mejju, 2015 l-appellat talab li ssir laqgha. Fl-ittra ma sarux sottomissjonijiet, kif talbet l-appellanti fl-ittra tad-29 ta' April, 2015.

v. B'ittra datata 25 ta' Mejju, 2015 l-appellanti nfurmat lill-appellat li l-kummenti ma ntbaghtux fiz-zmien li jissemma fil-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56. Ghaldaqstant, infurmatu li ma setax iressaq ir-rapprezentazzjoni. Infurmatu wkoll li minn dik id-decizjoni kellu d-dritt li jappella quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fi zmien tletin (30) jum minn meta tircievi l-avviz.

vi. Fl-24 ta' Gunju, 2015 l-appellant ippropona proceduri fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. L-ilment tal-appellant hu dwar il-meritu tal-kwistjoni.

**Konsiderazzjoni.**

7. Mill-atti hu evidenti li ma jirrizultax li hemm decizjoni finali li biha l-appellanti rrifjutat l-applikazzjonijiet tal-appellant. L-ittra tad-29 ta' April, 2015 tghid biss x'kienet l-intenzjoni tal-Awtorita u stiednet lill-appellat sabiex jaghti l-kummenti tieghu. Ghalhekk mhijiex decizjoni ta' rifjut. L-istess jinghad dwar l-ittra tal-25 ta' Mejju, 2015. Madankollu z-zewg partijiet ittrattaw il-kaz daqslieku kien hemm decizjoni finali.

8. Fir-rikors tal-appell l-appellanti ssostni li s-sentenza tat-23 ta' Frar, 2011 kienet ir-raguni ghalfejn irrifjutat l-applikazzjoni ghal *tag* taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11.

9. Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 (*Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri*) tidher li tapplika ghall-applikazzjonijiet li pprezenta l-appellat (fol.59 u 61). Skont regolament 2, xufier:-

> *"..... tfisser kull persuna li ssuq vettura għall-ġarr tal-passiġġieri b'kiri jew kumpens ukoll għal perjodu qasir, jew li tinġarr fil-vettura bħala parti mid-doveri tagħha sabiex tkun lesta għas-sewqan jekk ikun meħtieġ"*

10. Fl-applikazzjoni li hemm a fol. 59 hemm riferenza ghall-L.S. 499.56 (ara dik il-parti ntestata "C-Dikjarazzjoni"). Ir-raguni stess tghidlek li jekk dik il-Legislazzjoni Sussidjarja ma tapplikax, ma kinitx tissemma f'wahda mill-applikazzjonijiet li pprezenta l-appellat (ara fol. 60, tieni paragrafu). Jidher li l-appellanti mhijiex tikkontesta li dik il-Legislazzjoni Sussidjarja tapplika fir-rigward tal-applikazzjoni ghall-permess ta' xufier vetturi ghall-garr ta' passiggieri u ta' karozzi tal-linja (ara x'qalet id-difensur tal-Awtorita fit-trattazzjoni li saret quddiem it-Tribunal, fol. 155). Sahansitra a fol. 112 hemm kopja tal-istess applikazzjoni u fuqha tttimbrat il-kliem, *"Eligible 20 Apr 2015 Sylvana Bartolo Senior Manager Land Transport Directorate"*.

11. Wahda mill-kundizzjonijiet sabiex persuna tikseb il-permess ta’ xufier taht l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja, hi li ghandha reputazzjoni u kondotta tajba (regolament 18).

12. Fis-sentenza t-Tribunal irrefera ghar-regolament 9 tal-L.S. 499.56, li japplika fil-kaz ta’ operaturi. Regolament li jsemmi l-kazijiet meta l-persuna titqies li ma tissodisfax il-kundizzjoni ta’ reputazzjoni u kondotta tajba (riprodotti f’pagni 7 u 8 tas-sentenza tat-Tribunal). Il-kazijiet huma s-sejbien ta’ htija fir-rigward ta’ certu reati. Ordni ta’ probation jew ordni ghall-liberazzjoni assoluta jew taht kundizzjoni moghtija skont l-artikolu 22 tal-Att dwar Probation (Kap.466) li tkun giet osservata, ma tinkludiex fiha il-frazi “sentenza”. Imbaghad b’regolament 19 tal-istess legislazzjoni sussidjarja, regolament 9(1) u (2) japplikaw ukoll fir-rigward ta’ applikazzjoni ghal xufier. Il-qorti taqbel perfettament mal-mod kif it-Tribunal applika dawn ir-regolamenti ghall-kaz in ezami.

13. L-appellanti bbazat l-appell fuq regolament 130A(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (*Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur*). Regolament 130A(1) jipprovdi li hadd m’ghandu jsuq vettura bil-mutur ghall-kiri jekk ma jkollhiex tag ta’ xufier li tinhareg mill-Awtorita. Wahda mill-kundizzjonijiet ghall-hrug tat-tag hi li x-xufier *“ghandu reputazzjoni u kondotta tajba”*. Pero’ wiehed ma jistax jaqra dan ir-regolament b’mod izolat mill-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 li wkoll qieghed jipprovdi ghall-ghoti ta’ permess sabiex persuna tkun xufier ta’ vetturi ghall-garr ta’ passiggieri, inkluz dawk tal-kiri. Dan apparti li bl-Avviz Legali 123 tal-2018, dak li hemm f’regolament 9(1) u (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 gie issa riprodott fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (ara regolament 62D). Skont regolament 130B tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, regolament 62D japplika wkoll ghall-applikazzjoni ghall-ghoti ta’ tag ta’ xufier biex persuna ssuq vettura tal-kiri.

14. Ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ghall-permess ta’ xufier ta’ vetturi b’sewwieq (Massimu 8 + 1) u ta’ karozzin (fol. 61), jidher li l-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 tapplika wkoll. Sahansitra fl-ittra stess tal-25 ta’ Mejju, 2015 (fol. 99) l-Awtorita’ aghmlet riferenza ghal dik il-Legislazzjoni Sussidjarja u argumentat li ladarba kien skada z-zmien stipulat fiha sabiex l-appellat iressaq il-kummenti, ma kellux iktar jedd li jaghti l-kummenti tieghu.

15. Inoltre’, l-qorti ma tara l-ebda logika li fir-rigward tat-tieni applikazzjoni, dik ghall-permess ta’ xufier ta’ vetturi b’sewwieq (Massimu 8 + 1) u ta’ Karozzin, l-Awtorita’ timponi kundizzjonijiet iktar oneruzi minn dak fil-kaz tal-ewwel applikazzjoni li zgur tirrigwarda l-garr ta’ iktar passiggieri minn dik tat-tieni applikazzjoni.

16. M'huwiex bizzejjed li l-Awtorita' targumenta li l-Legislazzjoni 499.56 ma tapplikax ghall-kaz in ezami peress li tirregola xufiera ohra. Il-qorti bla ezitazzjoni tikkonkludi li ma ressqitx argumenti b'sahhithom li jistghu jwassluha biex taghtiha ragun.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.